purament nazzjonali u għalhekk tiskoraġġixxi lil residenti milli jwettqu tranżazzjonijiet li jinvolu moviment ta' kapital transkonfinali.

Minħabba l-leġiżlazzjoni inkwistjoni, il-pożizzjoni ta' likwidità tal-investituri suġġetti għat-taxxa tkun iktar sfavorevoli fil-każ ta' proprjetà immobbli li ma tkunx tinsab fit-territorju nazzjonali milli fil-każ ta' proprjetà immobbli li tkun tinsab fit-territorju nazzjonali. Dan iwassal sabiex investimenti fi proprjetà immobbli li ma tkunx tinsab fit-territorju nazzjonali ma jkunux attraenti meta mqabbla ma' investimenti fi proprjetà immobbli li tkun tinsab fit-territorju nazzjonali u għalhekk l-investituri jkunu skoraġġuti milli jibnu jew jakkwistaw proprjetà immobbli fi Stati Membri oħra. Skont il-ġurisprudenza, il-vantaġġ fil-pożizzjoni ta' likwidità li jirriżulta minn investiment fi proprjetà immobbli li tkun tinsab fit-territorju nazzjonali jammonta għal vantaġġ fiskali li jista' jitqies permissibbli sa fejn jittratta b'mod paragunabbli sitwazzjonijiet purament nazzjonali u sitwazzjoni transkonfinali.

Għalkemm l-effett tal-leġiżlazzjoni diskriminatorja inkwistjoni huwa limitat għal proprjetà immobbli li fir-rigward tagħha l-applikazzjoni għall-bini jew il-kuntratt ta' xiri saru qabel l-1 ta' Jannar 2006, dan ma jeliminax ir-restrizzjoni għall-moviment liberu tal-kapital peress li d-deprezzament digressiv minħabba l-użu jammonta għal sitwazzjoni permanenti.

Skont il-Gvern Federali, din ir-restrizzjoni hija ġustifikata abbażi ta' raġunijiet imperattivi ta' interess pubbliku sa fejn il-leġiżlazzjoni inkwistjoni għandha l-għan li tippromwovi l-kostruzzjoni ta' proprjetà għall-kiri fil-Ġermanja.

F'dan ir-rigward għandu jiġi osservat li, skont ġurisprudenza stabbilita, il-promozzjoni tal-ekonomija nazzjonali ma tammontax għal għan li jista' jiġġustifika restrizzjoni tal-libertajiet fundamentali. Anki jekk l-għan li tiġi promossa l-kostruzzjoni ta' proprjetà għall-kiri jitqies bħala għan li mhuwiex ekonomiku, il-limitazzjoni stretta tad-deprezzament digressiv għall-proprjetà immobbli li tkun tinsab fit-territorju nazzjonali la hija neċessarja u lanqas proporzjonata. Il-promozzjoni tal-kostruzzjoni ta' proprjetà għall-kiri fil-Ġermanja ma tkunx affettwata jekk id-deprezzament digressiv jingħata wkoll fir-rigward ta' proprjetà immobbli li tkun tinsab fi Stati Membri oħra.

Għalhekk, il-Gvern Federali ma ressaq ebda raġuni li tista' tiġġustifika r-restrizzjoni msemmija għall-moviment liberu tal-kapital.

## Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Finanzgericht Baden-Württemberg (Ġermanja) fis-7 ta' Lulju 2009 — Alketa Xhymshiti vs Bundesagentur für Arbeit — Familienkasse Lörrach

**(Kawża C-247/09)**

(2009/C 233/08)

*Lingwa tal-kawża: Il-Ġermaniż*

### Qorti tar-rinviju

Finanzgericht Baden-Württemberg

### Partijiet fil-kawża prinċipali

*Rikorrenti:* Alketa Xhymshiti

*Konvenut:* Bundesagentur für Arbeit — Familienkasse Lörrach

### Domandi preliminari

(1) Fil-każijiet li ċittadin ta' pajjiż terz jirresjedi legalment fi Stat Membru tal-Unjoni Ewropea u jaħdem fil-Konfederazzjoni Żvizzera, dan iċ-ċittadin, l-istess bħal martu, ċittadina ta' pajjiż terz, huwa suġġett, fl-Istat Membru ta' residenza, għall-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 859/2003/KE [1], bil-konsegwenza li l-Istat Membru ta' residenza huwa obbligat japplika r-Regolamenti (KEE) Nri 1408/71 [2] u 574/72 [3] għall-imsemmi impjegat u għal martu?

(2) Fil-każ ta' risposta fin-negattiv għall-ewwel domanda: fiċ-ċirkustanzi msemmija fl-ewwel domanda, l-Artikoli 2, 13 u 76 tar-Regolament (KEE) Nru 1408/71 u l-Artikolu 10(1)(a) tar-Regolament (KEE) Nru 574/72 għandhom jiġu interpretati fis-sens li, fl-Istat Membru ta' residenza, l-għoti tal-allowance tal-familja jista' jiġi rrifjutat lil omm, ċittadina ta' pajjiż terz, minħabba l-fatt li hija għandha n-nazzjonalità ta' pajjiż terz, minkejja li binha huwa ċittadin tal-Unjoni?

(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 859/2003, tal-14 ta' Mejju 2003, li jestendi d-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KEE) Nru 1408/71 u r-Regolament (KEE) Nru 574/72 għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li mhumiex diġà koperti b'dawk id-dispożizzjonijiet unikament minħabba ċ-ċittadinanza tagħhom (ĠU L 124, p. 1).

(2) Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1408/71, tal-14 ta' Ġunju 1971, dwar l-applikazzjoni tal-iskemi tas-sigurtà soċjali għall-persuni impjegati u l-familja tagħhom li jiċċaqilqu ġewwa l-Komunità (ĠU L 149, p. 2).

(3) Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 574/72, tal-21 ta' Marzu 1972, li jistipula l-proċedura għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KEE) Nru 1408/71 dwar l-applikazzjoni ta' skemi ta' sigurtà soċjali għal persuni impjegati u l-familji tagħhom li jiċċaqilqu fi ħdan il-Komunità (ĠU L 74, p. 1).

## Rikors ippreżentat fis-7 tal-Lulju 2009 — Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej vs Ir-Repubblika ta' Ċipru

**(Kawża C-251/09)**

(2009/C 233/09)

*Lingwa tal-kawża: Il-Grieg*

### Partijiet

*Rikorrenti:* Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: C. Zadra u I. Khatzigiannis)

*Konvenuta:* Ir-Repubblika ta' Ċipru

### Talbiet tar-rikorrenti

— tiddikjara li r-Repubblika ta' Ċipru naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikoli 4(2) u 31(1) tad-Direttiva 93/38/KEE [1] u l-Artikolu 1(1) tad-Direttiva 92/13/KEE [2];

— tikkundanna lir-Repubblika ta' Ċipru għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Qed jiġi allegat li l-Arkhi Ilektrikou Kiprou (l-Awtorità tal-Elettriku ta' Ċipru) kisret id-Direttivi 93/38/KEE u 92/13/KEE fil-proċedura ta' sejħa għal offerti bin-numru ta' referenza 40/2005 li kienet tirrigwarda kuntratt għad-disinn, forniment u kostruzzjoni tar-raba' unità taċ-ċentrali elettrika ta' Vasilikos.

Il-Kummissjoni ssostni li l-ksur tal-Artikoli 4(2) u 31(1) tad-Direttiva 93/38 huwa dovut għar-raġunijiet għar-rifjut tal-offerta tal-lanjant u l-aċċettazzjoni tal-offerta tal-offerent l-ieħor abbażi ta' kriterju li ma saritx referenza ċara għaih fis-sejħa għal offerti.

Għal dak li jirrigwarda l-ksur tad-Direttiva 92/13, miżura proċedurali, il-Kummissjoni ssostni (i) li, sa fejn l-awtorità kontraenti stess ħolqot, bl-aġir tagħha, sitwazzjoni ta' inċertezza rigward l-interpretazzjoni li għandha tingħata lir-raġunijiet li rriżultaw fir-rifjut tal-offerta tal-lanjant, hija kisret id-Direttiva 92/13 kif interpretata fid-dawl tal-għan ta' effettività mfittex minn din id-direttiva, u (ii) li l-awtorità kontraenti ma tistax tagħti raġunijiet għad-deċiżjoni tagħha billi sempliċiment tirreferi għal rapporti ta' evalwazzjoni.

(1) Direttiva tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 1993 li tikkoordina l-proċeduri ta' akkwist pubbliku għal entitajiet li joperaw fis-setturi tal-ilma, tal-enerġija, tat-trasport u tat-telekomunikazzjoni (ĠU 1993 L 199, p. 84).

(2) Direttiva tal-Kunsill tal-25 ta' Frar 1992 li tikkoordina l-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi li jirrelataw għall-applikazzjoni tar-regoli Komunitarji dwar il-proċeduri ta' akkwist ta' entitajiet li joperaw fis-setturi tal-ilma, l-enerġija, it-trasport u t-telekomunikazzjoni (ĠU 1992 L 76, p. 14).

## Rikors ippreżentat fit-8 ta' Lulju 2009 — Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej vs Ir-Repubblika tal-Ungerija

**(Kawża C-253/09)**

(2009/C 233/10)

*Lingwa tal-kawża: L-Ungeriż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: R. Lyal u K. Ritzné Talabér, aġenti)

*Konvenuta:* Ir-Repubblika tal-Ungerija

**Talbiet tal-parti rikorrenti**

— tiddikjara li, billi pprovdiet, fir-rigward ta' xiri ta' abitazzjoni li tinsab fl-Ungerija bħala sostituzzjoni ta' abitazzjoni li tinsab fi Stat ieħor trattament inqas favorevoli għal dak mogħti fix-xiri ta' abitazzjoni li tinsab fl-Ungerija bħala sostituzzjoni ta' abitazzjoni li tinsab f'dan l-istess Stat, ir-Repubblika tal-Ungerija naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikoli 18 KE, 39 KE u 43 KE u l-Artikoli 28 u 31 tal-Ftehim ŻEE.

— tikkundanna lir-Repubblika tal-Ungerija għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Is-suġġett ta' din il-kawża hija l-liġi fiskali Ungeriża li, sabiex tiġi stabbilita l-bażi taxxabbli li għandha titħallas fil-mument ta' xiri ta' abitazzjoni li tinsab fil-pajjiż, tippermetti biss li jitnaqqas mill-valur tal-abitazzjoni mixtrija l-prezz tal-abitazzjoni mibjugħa jekk din tinsab ġewwa l-pajjiż.

Din il-liġi tmur kontra l-moviment liberu tal-persuni u l-libertà ta' stabbiliment taħt l-Artikoli 18 KE, 39 KE u 43 KE u l-Artikoli 28 u 32 tal-Ftehim ŻEE.

L-għan tal-imsemmija dispożizzjonijiet tad-dritt Komunitarju huwa li jiffaċilita liċ-ċittadini tal-Istati Membri l-eżerċizzju ta' attività professjonali ta' kwalunkwe tip fi kwalunkwe post fil-Komunità, u fl-istess ħin, jipprekludi kwalunkwe miżura li b'konsegwenza tagħha ċ-ċittadini ta' kull Stat Membru tal-Komunità li, filwaqt li jagħmlu użu mid-dritt tal-moviment liberu tagħhom, jixtiequ jeżerċitaw attività ekonomika fit-territorju ta' Stat Membru ieħor, jistgħu jsibu ruħhom f'sitwazzjoni ta' żvantaġġ. Hija ġurisprudenza stabbilita li d-dispożizzjonijiet li jimpedixxu jew jiddisswadu lil ċittadin ta' Stat Membru milli jitlaq il-pajjiż ta' oriġini tiegħu sabiex jeżerċita d-dritt ta' moviment liberu tiegħu jikkostitwixxu ostakoli għal din il-libertà anki meta jiġu applikati mingħajr riferiment għaċ-ċittadinanza tal-persuni kkonċernati.

Madankollu, il-liġi fiskali Ungeriża li hija s-suġġett ta' din il-kawża tikkostitwixxi dispożizzjoni li għandha dawn il-karatteristiċi. Fil-fatt, minħabba l-esklużjoni ta' dan il-vantaġġ fiskali, iċ-ċittadini barranin jew Ungeriżi li, filwaqt li jagħmlu użu mid-dritt ta' moviment liberu tagħhom, jirrisjedu għal xi żmien fi Stat Membru ieħor u hemmhekk jixtru abitazzjoni, ikollhom inqas inċentivi sabiex jixtru abitazzjoni fl-Ungerija meta pparagunati ma' dawk li jirrisjedu fl-Ungerija u jkunu xtraw abitazzjoni ġdida minflok dik li diġà kellhom fil-pajjiż. B'dan il-mod, il-liġi Ungeriża tista', evidentement, tipproduċi l-effett li jiddisswadi liċ-ċittadini ta' Stati Membri oħra milli jistabbilixxu ruħhom fl-Ungerija. Il-Kummissjoni tikkunsidra li dawn il-persuni, li eventwalment ikunu diġà ħallsu taxxi għal ammont simili fl-Istat tar-residenza preċedenti tagħhom meta jkunu xtraw l-abitazzjoni tagħhom, isibu ruħhom fl-istess sitwazzjoni bħal dawk li jkunu xtraw l-abitazzjoni tagħhom preċedentement fl-Ungerija. Konsegwentement, dawn il-persuni għandhom jingħataw l-istess trattament. Peress illi, madankollu, il-liġi Ungeriża tqiegħed f'sitwazzjoni iktar ta' żvantaġġ dawk il-persuni li jixtru fl-Ungerija abitazzjoni li tissostitwixxi l-abitazzjoni li tinsab fi Stat Membru ieħor meta pparagunati ma' dawk li wkoll ikunu xtraw abitazzjoni u diġà kellhom abitazzjoni fil-pajjiż, din tittratta sitwzzjonijiet oġġettivament identiċi b'mod mhux ugwali u, b'dan il-mod, tikkostitwixxxi liġi diskriminatorja.

L-unika talba magħmula mill-Gvern tar-Repubblika tal-Ungerija ma tistax tiġġustifika tali ksur tad-dritt Komunitarju.

L-ewwel nett, fir-rigward tal-oġġezzjoni dwar il-ħtieġa li tiġi ggarantita l-koeżjoni tas-sistema fiskali, għandu jiġi osservat li, f'din il-kawża, ma nstabet l-ebda relazzjoni diretta bejn il-vantaġġ fiskali inkwistjoni u l-kumpens ta' dan il-vantaġġ permezz ta' bażi taxxabbli stabbilita, fejn din, min-naħa l-oħra, tikkostitwixxi rekwiżit biex il-ħtieġa invokata sabiex tiġi